



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12251/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0220 (NLE)

MAMA 146
MED 35
AL 4

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-validità tal-prijoritajiet tas-sħubija bejn l-UE u l-Alġerija sakemm ikunu adottati prijoritajiet tas-sħubija aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-validità tal-prijoritajiet tas-sħubija bejn l-UE u l-Alġerija sakemm ikunu adottati prijoritajiet tas-sħubija aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra¹ ('il-Ftehim') ġie ffirmat fit-22 ta' April 2002 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2005.
- (2) Il-prijoritajiet tas-sħubija bejn l-UE u l-Alġerija ġew adottati bid-Deċiżjoni Nru 1/2017 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni².
- (3) Fi skambju ta' ittri, iż-żewġ naħat qablu li jenħtieġ li tiġi estiża l-validità tal-prijoritajiet tas-sħubija bejn l-UE u l-Alġerija.
- (4) Skont l-Artikolu 94 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-oġettivi tal-Ftehim.
- (5) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta deċiżjoni permezz ta' proċedura bil-miktub biex jestendi l-validità tal-prijoritajiet tas-sħubija sakemm jadotta priyoritajiet tas-Sħubija aġġornati ġodda.
- (6) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, billi d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser ikollha effetti legali.
- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 265, 10.10.2005, p. 2.

² Id-Deċiżjoni Nru 1/2017 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Alġerija tat-13 ta' Marzu 2017 dwar il-qbil rigward il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Alġerija (ĠU L 82, 29.3.2017, p. 9).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-validità tal-prijoritajiet tas-sħubija bejn l-UE u l-Alġerija sakemm jiġu adottati prijoritajiet tas-sħubija aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 12258/21 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.